# L-IMĠARR

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

It-Tmien Leġislatura

Seduta Numru 8/18, it-Tnejn 5 ta' Ottubru 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ sabiex jiltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 18 tat-Tmien Leġislatura, nhar it-Tnejn 5 ta' Ottubru 2020 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija. Din il-laqgħa ixxandret 'live' permezz tas-sistema tal-'online streaming', kif wkoll kienet miżmuma bis-sistema tal-'Video On Demand'.

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| Paul Vella | Sindku |
| Wistin Vella | Viċi-Sindku |
| Clayton Gauci | Kunsillier |
| Tiziana Borg Busuttil | Kunsillier |
| Odette Muscat | Kunsillier |
| Cyprian Dalli | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI B' APOLOĠIJA**

Hadd

**ASSENTI**

Hadd

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU PREŻENTI**

Hadd

**----- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:40pm.

ii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

*18.1* *Qari tal-ittri ta' apoloġiji;*

*18.2* *Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*

*18.3* *Kommunikazzjoni mis-Sindku;*

*18.4* *Korrispondenza;*

*18.5* *Temi oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;*

*18.6* *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;*

*18.7* *Attivitajiet ta' Pink October u matul ix-xitwa;*

*18.8* *Hruġ ta' Sejħiet għall-offerti u bordijiet tal-evalwazzjoni;*

*18.9* *Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa.*

**18.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji**

18.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx irċieva noti ta' apoloġija għal din il-laqgħa.

**18.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

18.2.1 Il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienu ġew iċċirkolati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant ġew meqjuża bħala moqrija u approvati.

18.2.2 Il-minuti tal-aħħar laqgħa għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

18.2.3 Il-laqgħa ġiet sospiża fil-5.42pm biex jingħata premju lit-tifel rebbieħ tal-kopetizzjoni tat-tpinġija u crafts li saret fix-xhur tas-Sajf. Fil-5.43pm daħlet il-Kunsillier Odette Muscat, filwaqt li il-Kunsillier Clayton Gauci daħal fil-5.52pm. Il-laqgħa tkompliet fil-5.53pm.

## 18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

18.3.1 Is-Sindku innota li il-proċeduri l-ġodda fil-ġbir tal-ħġieġ issa kienu jidhru li indraw sew tanti li ġa' fit-tieni ġabra kien hemm titjieb sostanzjali u aktar kooperazzjoni.

18.3.2 Is-Sindku semma li kienet saret laqgħa virtwali mal-A.D.I. dwar il-proġett tal-ilma fil-Wied tal-Ġnejna. Dwar dan ser issir laqgħa fis-sala tal-Kunsill nhar is-Sibt 16 ta' Ottubru għal kull min hu interessat.

18.3.3 Is-Sindku informa li kienet ser tintbgħat korrispondenza dwar ix-xogħlijiet li kienu saru fi' Triq San Filippu, speċjalment fil-kantuniera ma' Triq Sir Harry Luke, fejn qed ifur id-dranaġġ, possibiliment minħabba materjal li waqa fil-katusi waqt ix-xogħlijiet.

18.3.4 Ingħatat għajnuna lill-iskola primarja biex tneħħiet xi għamara li ma kienx hemm bżonnha aktar.

18.3.5 Saret spjegazzjoni tad-direttivi li il-Kunsill irċieva mid-Dipartiment tas-Saħħa dwar il-vaċċin tal-influwenza staġjonali u kif din ser tkun qed tingħata.

## 18.4 Korrispondenza

18.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenzi oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, u entitajiet oħra. L-aktar importanti minn dawn kienu imwassla lill-membri tal-Kunsill immedjatament malli jaslu permezz tas-sistema elettronika.

18.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza li kellu mad-Dipertiment tal-Gvern Lokali dwar il-ħruġ tas-sejħa għall-offerti tal-ġbir tal-iskart. Id-direzzjoni hi li, skont il-LCPPN 7, din is-sejħa toħroġ bil-proposta ta' kuntratt sa' l-aħħar ta' Diċembru 2021 bil-possibilita' li jiġi estiż sa' l-aħħar ta' Diċembru 2022.

18.4.3 Tressqet ukoll korrispondenza li waslet mir-Reġjun Tramuntana dwar i-proġett 'Slow Streets' fejn ingħad li peress li tlieta biss mill-kunsilli lokali li jiffurmaw dan ir-reġjun urew ix-xewqa li jipparteċipaw flimkien f' dan il-proġett, ir-Reġjun ħass li m' għandiex tinħareġ l-ebda sejħa għall-offerti min-naħa tar-reġjun. Il-Kunsill iddiskuta dan u qabel unanimament li is-Segreatrju Eżekuttiv jikteb immedjatament lill-AKL biex jiġi deċiż jekk il-Kunsill kienx għadu fiċ-ċans li ningħaqdu fil-proġett tal-Assoċċjazzjoni. Jekk il-Kunsill għadu fiċ-ċans, allura kien qed jiġi approvat li ningħaqdu fl-inizzjattiva tal-AKL għall-dan il-proġett.

18.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq taħrika li hu u s-Sindku irċevew biex jidhru quddiem it-Tribunal għat-Talbiet Żgħar f' isem il-Kunsill Lokali f' kawza għall-kumpens ta' ħsara li persuna ġarbet fuq il-vettura tagħha meta waqa' parti minn ċint fi' Triq Dun Ġużepp Micallef f' Ottubru tal-2018. Il-Kunsill ser ikollu lill-Avukat Dr Raphael Fenech Adami jassistih.

## 18.5 Temi oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

18.5.1 Il-Kunsillier Tiziana Borg Busuttil issuġġerit li l-binja tal-Kunsill tixgħel bil-kulur oranġjo għal ġimgħa lejn l-aħħar ta' Ottubru biex jitkattar l-għarfien dwar l-ADHD (Attention Deficit Hyperactivity Disorder). Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

18.5.2 Il-Kunsillier Tiziana Borg Busuttil tkellmet dwar is-servizz tas-SilverT u ppproponiet li tkellem lil-Dr Renzo DeGabriele sabiex is-servizz ikun estiż li jwassal l-anzjani tal-lokalita' saċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta. Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

18.5.3 Il-Kunsillier Odette Muscat ħarġet mil-laqgħa fis-6.31pm u reġgħet daħlet fis-6.33pm. Fil-frattemp, il-Kunsill qabel li jiġu ordnati 30 djarju għas-sena 2021 bl-istemma tal-Kunsill, bħas-snin ta' qabel.

18.5.4 Saret diskussjoni fuq iż-żebra crossing li kellhom isiru fi' Triq Sir Temi Zammit, imma għalkemm kienu saru ir-rampi u ngħadda l-eletriku għalihom, dawn qatt ma saru. Il-Kunsill qabel b' mod unanimu li terġa tintbgħat korrispondenza oħra lil Transport Malta dwar dan biex forsi l-affarijiet jiċċaqqalqu.

## 18.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

18.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iSkeda tal-Pagamenti numru 10/2020 li kienet tammonta għal €35, 647.18.

18.6.2 Din l-iskeda ġie approvata unanimament mill-membri tal-Kunsill preżenti, u ġiet iffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku flimkien ma' żewġ membri oħra tal-Kunsill.

## 18.7 Attivitajiet għall-Pink October u x-Xitwa

18.7.1 Il-Kunsillier Odette Muscat ipproponiet li jittellgħu 4 sezzjonijiet ta' attivitajiet fiżiċi (pilates, aerobics, etċ) minn 2 voluntiera u minnhħom jinġabru donazzjonijiet għall-organizzazzjoni Europa Donna li toffri sapport lill-pazjenti tal-kanċer tas-sider. Hawnekk Tiziana Borg Busuttil qalet li ma kienitx tapprova din l-attivita' peress li ħasset li ma kinitx irċeviet sapport għall-proposta tagħha ta' zumba fil-Housing Estate, li, skont hi, kienu proposti prattikament simili. Borg Busuttil sostniet li għall-proposta tagħha kienet tħalliet għall-aħħar u minħabba f' hekk kellha titħassar. Hawnhekk seħħet diskussjoni fejn is-Segretarju Eżekuttiv ta' rendikont tal-korispondenzi li kellu kemm ma' Tiziana Borgu Busuttil kif ukoll mal-persuna li kellha tmexxi s-sezzjonijiet taz-zumba. Spjega kif din ta' l-aħħar kienet ħassret is-sezzjonijiet ftit ġranet qabel minħabba problemi li rajt fil-logo tal-attivitajiet kif ukoll minħabba id-donazzjonijiet li kienu ser jinġabru. Kien hemm diskussjoni dwar dan. Fl-aħħar il-Kunsill approva l-attivitajiet kif proposti mill-Kunsillier Odette Muscat.

Il-viċi-sindku Wistin Vella ħalla l-laqgħa fis-6:59pm.

18.7.2 Ġie deċiż li dwar dekorazzjonijiet tat-toroq għall-żmien il-Milied isiru bl-istess mod tas-sena l-oħra.

18.7.3 Ġie deċiż ukoll li minħabba ir-restrizzjonijiet fis-seħħ bħalissa minħabba it-tixrid tal-COVID-19, mhux ser jiġu imtellgħa attivitajiet fil-ġimgħat u xhur li ġejjin sakemm dawn jibqgħu fis-seħħ.

## 18.8 Ħruġ ta' sejħiet ta' offerti u bordijiet tal-evalwazjoni

18.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill kellu jagħżel l-Opening Staff u l-bord tal-evalwazzjoni għaż-żewġ sejħiet għall-offerti li kienu ser jgħalqu fis-6 ta' Novembru. Għalhekk il-Kunsill approva dawn, kif ġej :

- *Sejħa għas-servizz ta' Contracts Manager :*

  Ftuħ tal-Offerti : Natasha Cassar u Dorianne Farrugia

  Chairperson tal-Bord tal-Evalwazzjoni : is-Sindku Paul Vella

  Segretarju tal-Bord tal-Evalwazzjoni : is-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli

  Membri tal-Bord tal-Evalwazzjoni : Daniel Galea, Tiziana Borg Busuttil, Odette Muscat

- *Sejħa għas-servizz ta' Sinjali u Tabelli tat-Traffiku :*

  Ftuħ tal-Offerti : Natasha Cassar u Dorianne Farrugia

  Chairperson tal-Bord tal-Evalwazzjoni : is-Sindku Paul Vella

  Segretarju tal-Bord tal-Evalwazzjoni : is-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli

  Membri tal-Bord tal-Evalwazzjoni : Adrian Mifsud, Clayton Gauci u Odette Muscat

18.8.2 Il-Kunsill approva wkoll li jinħarġu sejħiet għall-offerti tat-tagħmir rikrejattiv kif ukoll għall-art tas-sigurta' tal-lasktu għall-Ġnien Skorba, kif ukoll għar-rinnovament tal-aperturi tal-injam tal-binja tal-Kunsill.

## 18.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa

18.9.1 Qabel mal-laqgħa ġiet fi' tmiemha, il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tissejjaħ għal nhar it-Tnejn, 9 ta' Novembru 2020, fil-5:30pm.

18.9.2 Il-laqgħa ntemmet fis-7:49pm.

| | |
|---|---|
| **Paul Vella** | **Cyprian Dalli** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |